MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Avviz Numru. 315/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs**

**Louis u Sabrina mizzewgin Vella (ID 341677M u ID 529079M) u, permezz ta’ nota ippresentata fil 15 ta’ April 2013, Terry Callus (ID 374249M) u Mary Vella (ID 131752M) dahlu bhala kuraturi ta’ Sabrina Vella u Louis Vella rispettivament**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti illi biha talbet lill dina l-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati konjugi Louis u Sabrina Vella jhallsuha s-somma ta’ disat elef, tmein mija u tmenin Euro u sebgha u sittin centezmu (€9,880.67)

rappresentanti bilanc dovut minnhom lis-socjeta rikorrenti ghal Loan mahrug mill-istess socjeta rikorrenti lilhom,kif ahjar deskritt fir-rikors promotur, flimkien mal-imghax fit 30 ta' Awissu 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi fuq talba tas-socjeta rikorrenti ghal-nomina ta' kuraturi ghall-intimati, fil-5 ta' Novembru 2012 giet ippubblikata l-hatra tal-kuraturi.

Rat illi fis-seduta tat 8 ta' Marzu 2013, is-socjeta rikorrenti ippresentat nota ta' riduzzjoni tal-ammont dovut ghas-somma ta' sitt elef, seba mija u disgha u disghin Euro u disgha centezmi (€6,799.09) filwaqt illi t-talba ghal-imghax giet mibdula sabiex tidba tiddekorri mill 25 ta' Frar 2013.

Rat illi fil 15 ta' April 2013, Terry Calus u Mary Vella assumew l-atti bhala kuraturi deputati ghan-nom tat-tfal taghhom, rispettivament Sabrina Vella vs Louis Vella.

Rat illi fis-seduta tal 15 ta' Marzu 2013, is-socjeta rikorrenti ippresentat nota ta' riduzzjoni tal-ammont dovut ghas-somma ta' sitt elef, sitt mija u tlieta u hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€6,653.37) filwaqt illi t-talba ghal-imghax giet mibdula sabiex tidba tiddekorri mit 8 ta' April 2013.

Rat illi fit 22 ta' April 2013 il-konvenuti ammettew t-talbiet attrici kif dedotti.

Rat illi fit-22 ta' April 2013 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Wara illi rat l-ammissjoni tal-konvenuti

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti nomine in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u tlieta u hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€6,653.37) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine kif mitluba w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi mit 8 ta' April 2013 sad-data tal-pagamenti effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------